DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Frar 2007

dwar l-iskema ta' għajnuna Nru Ċ 34/2005 (ex N 113/2005) taħt il-Liġi Nru 17/2004 (Artikolu 60) tar-Reġjun ta' Sqallija li l-Italja qed tippjana li timplimenta

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 284)

(Il-verżjoni bit-Taljan biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/493/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar dawn id-dispożizzjonijiet [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

I. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra tad-9 ta' Marzu 2005, l-awtoritajiet Taljani, kif mitlub mill-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE, innotifikaw lill-Kummissjoni dwar miżura ta' għajnuna taħt l-Artikolu 60 tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 li stabbiliet dispożizzjonijiet ta' ppjanar u finanzjarji għall-2005.

(2) Permezz ta' ittri tad-29 ta' Marzu u l-10 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni dwar il-miżura nnotifikata.

(3) L-awtoritajiet Taljani rrispondew permezz ta' ittra tat-18 ta' Mejju 2005 wara ittra ta' tfakkir mill-Kummissjoni bid-data tas-27 ta' April 2005 u permezz ta' ittri tat-12 ta' Lulju u l-14 ta' Lulju 2005.

(4) Permezz ta' ittra tal-21 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni infurmat lill-Italja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tal-miżura.

(5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna.

(6) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet interessati.

(7) Permezz ta' ittra ta' l-10 ta' Novembru 2005, irreġistrata bħala li waslet għandha fil-15 ta' Novembru 2005, l-awtoritajiet Taljani talbu lill-Kummissjoni sabiex tissospendi l-proċedura sakemm ikun hemm deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-475/2003 dwar il-kompatibilità tat-taxxa reġjonali Taljana fuq l-attività produttiva (IRAP) bl-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima [3]. Il-Kummissjoni aċċettat it-talba permezz ta' ittra tat-2 ta' Awwissu 2006. Fit-3 ta' Ottubru 2006, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-IRAP hija kompatibbli ma' l-Artikolu 33(1) tad-Direttiva 77/388/KEE [4].

(8) Permezz ta' ittra tat-8 ta' Mejju 2006, irreġistrata bħala li waslet għandha fil-11 ta' Mejju, l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni dwar emenda għall-Artikolu 60 tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004, li ddikjarat li l-miżura kienet suġġetta għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis*) [5] mhux biss sakemm ikun hemm l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni iżda wkoll "f'każ li tiġi adottata deċiżjoni negattiva mill-Kummissjoni".

II. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

II.1 Għan tal-miżura

(9) Skond l-awtoritajiet Taljani, il-miżura hija mfassla sabiex tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' intrapriżi ġodda u tnaqqas id-distakk bejn intrapriżi fi Sqallija u intrapriżi li jinsabu f'reġjuni oħra ta' l-Italja fejn il-livell ta' l-għajxien huwa baxx ħafna jew fejn hemm qgħad serju fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE.

[1] ĠU C 82, 5.4.2006, p. 71.
[2] Ara n-nota 1.
[3] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1.
[4] Każ C-475/2003 Banca popolare di Cremona Soc.coop.arl v Agenzia Entrate Ufficio Cremona, għadu mhux ippubblikat.
[5] ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30.

(10) Minbarra dan, il-miżura kkonċernata għandha l-għan li ttejjeb il-prospetti għall-investiment fi Sqallija billi tgħolli l-livelli tas-sigurtà u twaqqaf l-aġir kriminali.

II.2 **Bażi legali tal-miżura**

(11) Artikolu 60(1) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 jipprovdi għal tnaqqis fir-rata ta' l-IRAP b'1 % fl-2005, 0.75 % fl-2006 u 0.5 % fl-2007 għal kooperattivi (aktar preċiżament, "società cooperative a mutualità prevalente") kif definiti fil-Kodiċi Ċivili Taljan ([6]).

(12) Artikolu 60(2) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 jagħti l-istess benefiċċji lill-intrapriżi privati tas-sigurtà kif definiti fid-Digriet Irjali Nru 773/1931 tat-18 ta' Ġunju 1931, li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom entitajiet u persuni privati jistgħu jiġu awtorizzati mill-prefett provinċjali ("prefetto") sabiex jipprovdu servizzi ta' sigurtà għal proprjetà mobbli u immobbli u servizzi ta' investigazzjoni privata ([7]).

(13) Tnaqqis fir-rata ta' l-IRAP kienu deċiżi mir-Reġjun ta' Sqallija permezz ta' l-awtorità mogħtija lir-reġjuni kollha fl-Italja li jimmodifikaw ir-rata taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti ([8]).

II.3 **Baġit għall-miżura**

(14) L-awtoritajiet Taljani jikkalkulaw li l-impatt baġitarju ta' l-Artikolu 60 se jkun ta' madwar €2 miljun għall-perjodu kollu 2005-2007.

II.4 **Kumulazzjoni**

(15) Il-miżura kkonċernata tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna riċevuta taħt skemi oħra lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-Komunità li jkopru l-istess spejjeż eliġibbli.

II.5 **Tul ta' żmien tal-miżura**

(16) Il-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2004, iżda Artikolu 60 jiddikjara li l-miżura hija suġġetta għar-Regolament *de minimis* sakemm tingħata l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni. Permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2006, l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li l-miżura kienet suġġetta għar-Regolament *de minimis* ukoll fil-każ li tiġi adottata deċiżjoni negattiva mill-Kummissjoni.

(17) L-iskema hija valida għal tliet snin fiskali, mill-2005 sa l-2007.

III. **RAĠUNIJIET SABIEX TINBEDA L-PROĊEDURA**

(18) Fl-ittra tagħha tal-21 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-iskema nnotifikata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE ladarba huma involuti riżorsi ta' l-istat, ladarba hija selettiva billi hija mmirata lejn setturi partikolari u/jew kategoriji partikolari ta' impriża, ladarba tagħti vantaġġ lil dawn l-impriżi fil-konfront ta' impriżi li jipprovdu l-istess servizzi u ladarba tista' tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ fuq il-livell tal-Komunità.

(19) Waħda mir-raġunijiet għaliex inbdiet il-proċedura kienet li l-Kummissjoni ma kenitx tista' teskludi l-possibilità li l-effetti tal-miżura fuq il-kummerċ intra-Komunitarju kienu se jmorru kontra l-interess komuni, meta jitqies ukoll li, taħt l-iskema, il-benefiċjarji mhumiex obbligati li jikkumpensaw għal dan it-tfixkil tas-suq.

(20) Il-Kummissjoni kellha wkoll dubji dwar jekk il-miżuri kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linjigwida għall-għajnuna reġjonali ([9]) ("il-Linjigwida"). Fil-fatt, skond in-notifika, il-miżura tagħti għajnuna operattiva lill-kooperattivi u lill-intrapriżi tas-sigurtà Sqallin.

(21) Fil-punt 4.15 tal-Linjigwida, l-għajnuna operattiva tista' tingħata biss jekk il-miżura tkun ġustifikata f'termini tal-kontribut tagħha għall-iżvilupp reġjonali u jekk in-natura u l-livell tagħha jkunu proporzjonali ma' l-iżvantaġġi li hi tkun qed tipprova ttaffi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ddubitat kemm l-awtoritajiet Taljani kien irnexxielhom jiġġustifikaw l-għoti ta' għajnuna operattiva billi juru l-eżistenza ta' xi żvantaġġi u jivvalutaw l-importanza tagħhom.

(22) Il-Kummissjoni ddubitat kemm l-għajnuna operattiva stipulata fl-Artikolu 60(1) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 kienet kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi li tikkontribwixxi għall-holqien ta' intrapriżi ġodda u tnaqqas id-distakk bejn l-intrapriżi Sqallin u dawk li joperaw f'partijiet oħra ta' l-Italja. F'dan ir-rigward, hija nnutat li r-rabta bejn it-tnaqqis ta' l-IRAP għall-kooperattivi kollha u l-ħolqien ta' intrapriżi ġodda fi Sqallija mhix ċara u ma ġietx spjegata mill-awtoritajiet Taljani.

([6]) Ara *Titolo VI del Libro V* tal-Kodiċi Ċivili, kif emendat bl-Artikolu 8 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 6/2003 tas-17 ta' Jannar 2003.

([7]) Ara *Titolo IV* tad-Digriet Rjali Nru 773/1931 tat-18 ta' Ġunju 1931, kif emendat sussegwentement. Il-prefett provinċjali jista' jirrifjuta l-liċenzja wkoll fuq il-bażi tan-numru u l-importanza ta' l-entitajiet eżistenti.

([8]) Digriet Leġiżlattiv (IRAP) Nru 446 tal-15 ta' Diċembru 1997.

([9]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.

(23) Fin-notifika, l-awtoritajiet Taljani saħqu li l-intrapriżi Sqallin huma strutturalment żvantaġġati minħabba li Sqallija hija ġżira mbiegħda miċ-"ċentri ekonomiċi kontinentali". Il-Kummissjoni tosserva hawn li lista sħiħa tar-reġjuni mbiegħda tinsab fid-Dikjarazzjoni 26 dwar ir-reġjuni mbiegħda tal-Komunità, mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ([10]). Minbarra dan, l-għajnuna ma tidhirx li hija mmirata li taffronta l-problemi assoċjati ma' l-istatus ta' Sqallija bħala ġżira minħabba li mhix relatata ma' l-ispejjeż addizzjonali dovuti għall-insularità, bħall-ispejjeż tat-trasport.

(24) Minbarra dan, l-awtoritajiet Taljani qalu li l-prevalenza ta' intrapriżi żgħar ħafna tirriżulta fi spejjeż ogħla ta' finanzjament u aktar bżonn ta' ħaddiema; spejjeż tal-ħaddiema u tad-dejn jikkostitwixxu parti kbira mill-bażi tat-taxxa ta' l-IRAP, u b'hekk l-intrapriżi Sqallin huma fi żvantaġġ. Il-Kummissjoni nnutat li, anki li kieku l-problema li qed tiffaċċja l-ekonomija ta' Sqallija kienet il-proporzjon għoli ta' intrapriżi żgħar ħafna u l-konsegwenzi tiegħu, tnaqqis ġenerali ta' l-IRAP għal kooperattivi ta' kull daqs ma jindirizzax il-problema għax mhux immirat għal intrapriżi żgħar ħafna. U l-għajnuna l-anqas m'għandha tingħata biss lill-kooperattivi ż-żgħar ħafna.

(25) Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li d-differenzi fir-rati tat-taxxa effettivi bħal dawk imsemmija mill-awtoritajiet Taljani huma preżenti għal kull taxxa u huma impliċiti fin-natura tagħhom. Madankollu, dan ma jidhirx li huwa raġuni suffiċjenti sabiex tingħata għajnuna mill-istat differenzjata skond it-tip ta' intrapriża u, fil-każ preżenti, l-awtoritajiet Taljani ma pprovdewx xhieda konkreta li l-kooperattivi huma ppenalizzati b'mod eċċessiv mir-rati effettivi għolja ta' l-IRAP.

(26) Minbarra dan, il-Kummissjoni tiddubita l-affidabilità tad-*data* użata mill-awtoritajiet Taljani biex juru li l-intrapriża "normali" fi Sqallija b'bejgħ ta' anqas minn €10 miljun u anqas minn għaxar ħaddiema u li topera fl-industrija, minbarra għas-setturi tal-kimika u l-petrokimika, u fis-setturi ta' l-ITC u t-turiżmu tħallas rata ogħla ta' IRAP minn kumpanija "normali" komparabbli li topera fil-Lombardija. Fil-fatt, ladarba l-Artikolu 60(1) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 jtipprovdi għajnuna lill-kooperattivi ta' kull daqs u f'kull settur, l-użu ta' *data* li tirrigwarda biss intrapriżi b'bejgħ ta' anqas minn €10 miljuni, li għandhom anqas minn għaxar ħaddiema u li joperaw fl-industrija, minbarra għas-setturi tal-kimika u l-petrokimika, u fis-setturi ta' l-ITC u dak turistiku ma jidhirx li jipprova l-proporzjonalità tal-miżura kkonċernata.

(27) Dubji oħra relatati ma' l-informazzjoni mressqa mill-awtoritajiet Taljani juru li l-għajnuna operattiva stipulata fl-Artikolu 60(2) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 hija kompatibbli mas-suq komuni.

(28) Fin-notifika, l-awtoritajiet Taljani saħqu li l-Artikolu 60(2) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 jgħin sabiex itejjeb il-prospetti ta' l-investiment fi Sqallija billi jgħolli l-livelli tas-sigurtà u jipprevjeni l-aġir kriminali. Huma saħqu li l-kumpanija medja tas-sigurtà fi Sqallija tħallas rata ogħla ta' IRAP mill-kumpanija medja li topera fil-bqija ta' l-Italja minħabba li l-proporzjon ta' l-ispejjeż tal-ħaddiema mal-prodott nett għall-intrapriżi tas-sigurtà Sqallin hija fil-medja ogħla milli hi fil-bqija ta' l-Italja u minħabba r-riġiditá tas-suq tax-xogħol Sqalli, li hija kkaratterizzata bi bdil baxx fil-ħaddiema.

(29) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-eżistenza ta' rabta bejn l-Artikolu 60(2) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 u t-titjib tal-prospetti ta' l-investiment fi Sqallija billi jogħlew il-livelli tas-sigurtà u kif ukoll ir-raġunijiet għall-ispejjeż ogħla tal-intrapriżi tas-sigurtà Sqallin mhumiex spjegati biżżejjed. Ma jidhirx li, meta mqabbel mas-suq tax-xogħol f'reġjuni oħra ta' l-Italja, is-suq tax-xogħol ta' Sqallija għandu karatteristiċi li jiġġustifikaw pagi ogħla f'dan is-settur.

(30) Minbarra dan, il-Kummissjoni tiddubita li għandhom jitqiesu l-argumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani li jgħidu li l-prefett provinċjali jista' jimponi restrizzjonijiet fuq il-prezzijiet tas-servizzi pprovduti fis-settur ("tariffe di legalità") u kif ukoll li għandu jiġi ppremjat il-professjonaliżmu tal-ħaddiema fis-settur. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn ir-raġunijiet ma jispjegawx l-impatt tad-differenzi fit-"tariffe di legalità" fuq l-ispejjeż ogħla tax-xogħol fi Sqallija.

(31) Għalhekk, il-Kummissjoni spjegat li kienet tqis li kien hemm il-ħtieġa ta' analiżi aktar sħiħa tal-kwistjoni. Analiżi bħal din kellha tinkludi l-kummenti ta' partijiet terzi. Biss wara li tikkunsidra dawn il-kummenti li l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk il-miżuri proposti mill-awtoritajiet Taljani jaffettwawx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interessi komuni.

([10]) Ara n-nota 27 għal-Linjigwida (ara n-nota 9 aktar 'il fuq).

IV. **KUMMENTI MILL-ITALJA**

(32) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kummenti mill-awtoritajiet Taljani jew minn partijiet interessati sabiex tneħħi d-dubji li tqajmu meta nbdiet il-proċedura formali ta' investigazzjoni.

V. **EVALWAZZJONI TAL-MIŻURA**

V.1. **Legalità**

(33) Billi nnotifikaw l-iskema ta' l-għajnuna bi *standstill clause* u implimentawha taħt Regolament *de minimis* sa l-awtorizzazzjoni tagħha mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Taljani kkonformaw ma' l-obbligi proċedurali ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE.

V.2. **Kemm l-iskema tikkostitwixxi għajnuna mill-istat**

(34) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE għar-raġunijiet li ġejjin:

V.2.1. *Preżenza ta' riżorsi ta' l-istat:*

(35) Il-miżura tinvolvi l-użu ta' riżorsi ta' l-istat f'termini ta' dħul mit-taxxi mitlufa mir-Reġjun ta' Sqallija u li jikkorrispondu mar-responsabbiltà mnaqqsa tat-taxxa tal-benefiċjarju.

V.2.2. *Vantaġġ ekonomiku:*

(36) Il-miżura tagħti lill-benefiċjarju vantaġġ ekonomiku li jirriżulta mit-tnaqqis tal-piż effettiv tat-taxxa, li jissarraf f'vantaġġ finanzjarju f'termini ta' ħlas imnaqqas ta' taxxa li minnha l-intrapriżi jibbenefikaw immedjatament fis-snin li fihom jiġi applikat it-tnaqqis.

V.2.3. *Preżenza ta' selettività fis-sens li l-miżura tiffavorixxi "ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti":*

(37) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-IRAP tistabbilixxi li r-reġjuni kollha għandhom l-awtorità sabiex iżidu jew inaqqsu r-rata bażika tat-taxxa ta' 4.25 % b'mhux aktar minn punt perċentwali wieħed 'il fuq jew 'l isfel; dan jirrifletti sistema applikata b'mod simetriku li fiha r-reġjuni kollha huma lkoll intitolati, sew legalment u kif ukoll fil-prattika, li jżidu jew inaqqsu t-taxxa u li fiha nnifisha ma tikkostitwix għajnuna mill-istat.

(38) Il-Kummissjoni kienet iddeċidiet qabel [11] li dawn il-poteri limitati sabiex tiġi aġġustata r-rata tat-taxxa huma simetriċi fin-natura tagħhom sakemm ir-reġjuni individwali ma jużawx il-poteri tagħhom sabiex japplikaw, fi ħdan il-marġini tad-diskrezjoni tagħhom, rati tat-taxxi li jkunu differenti bejn is-setturi u bejn il-persuni taxxabbli u li ma jikkostitwux għajnuna mill-istat. Din il-konklużjoni mhix invalidata mis-sentenza fil-Każ C-88/2003 *Azzorre* [12].

(39) Madankollu, fil-każ innotifikat, ir-Reġjun ta' Sqallija ma llimitax l-intervent tiegħu għall-marġini tad-diskrezjoni stabbilita mil-liġi nazzjonali iżda uża l-poter tiegħu sabiex jintroduċi għal ċerti setturi u entitajiet li jħallsu t-taxxa rati tat-taxxa differenti mir-rati tat-taxxa standard fir-reġjun, u anqas minnhom. Fil-fatt:

a) L-Artikolu 60(1) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 jyaġħti vantaġġ biss lill-kooperattivi Sqallin, u b'hekk jeskludi mill-benefiċjarji possibbli taħt l-iskema lil intrapriżi Sqallin li joperaw fis-setturi kollha u mhux fil-forma ta' kooperattivi.

b) Artikolu 60(2) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 jagħti vantaġġ fis-sens li l-miżura tiffavorixxi l-attività ekonomika li tikkonsisti fil-forniment ta' servizzi tas-sigurtà. Intrapriżi li jipprovdu dawn is-servizzi joffru wkoll dawn is-servizzi li ġejjin: (i) trasport, akkumpanjament u depożitu temporanju ta' oġġetti prezzjużi jew persuni; (ii) ħarsien tal-proprjetà; (iii) ġestjoni ta' arkivji speċjalizzati; u (iv) produzzjoni ta' apparat u sistemi tas-sigurtà. Il-Kummissjoni tqis li xi wħud minn dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn intrapriżi li mhumiex intrapriżi privati fit-tifsira tad-Digriet Irjali Nru 773/1931.

V.2.4. *Tfixkil tal-kompetizzjoni:*

(40) F'konformità mal-każistika stabbilita [13], sabiex miżura tfixkel il-kompetizzjoni huwa biżżejjed li min jirċievi għajnuna mill-istat jikkompeti ma' intrapriżi oħra fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni.

(41) Il-Kummissjoni tosserva li l-miżuri li jinsabu fl-Artikolu 60(1) u (2) tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 jidhru li jfixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri għaliex għandhom l-effett li jeħilsu lill-benefiċjarji minn piż li kieku kien ikollhom iġorru.

---

[11] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4675 tas-7 ta' Diċembru 2005 - Għajnuna mill-istat każ N 198/05 - "Għajnuna tat-taxxa għall-ħolqien ta' l-impjiegi f'żoni assistiti, tnaqqis fl-IRAP - Liġi Nru 80/2005, Art. 11b", li kontriha l-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni (ĠU C 42, 18.2.2006, p. 3).

[12] Sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Settembru 2006, *Ir-Repubblika Portugiża kontra l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, għadha mhix ippubblikata.

[13] Każ T-214/95 *Het Vlaamse Gewest* v *Commission* [1998] ECR II-717.

(42) Fil-każ preżenti, skond l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Taljani, il-benefiċjarji huma kooperattivi (Artikolu 60(1)) ta' kull daqs li joperaw fis-setturi kollha. Għalhekk, il-kooperattivi jikkompetu ma' l-intrapriżi l-oħra fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni b'tali mod li l-Artikolu 60(1) potenzjalment ifixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ taħt il-każistika stabbilita. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tqis li l-miżura li tinsab fl-Artikolu 60(2) tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(43) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskema proposta tikkostitwixxi għajnuna mill-istat.

V.3 **Kompatibilità**

(44) Safejn il-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, il-kompatibilità tagħha għandha tiġi vvalutata fid-dawl ta' l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 87(2) u (3). L-eżenzjonijiet fl-Artikolu 87(2), li jikkonċernaw għajnuna li jkollha karattru soċjali mogħtija lil konsumaturi individwali, għajnuna sabiex tissewwa l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali u għajnuna mogħtija lil ċerti żoni fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ma japplikawx f'dan il-każ. Il-miżura ma tistax titqies bħala proġett importanti ta' interess komuni Ewropew jew li qed issewwi żbilanċ serju fl-ekonomija Taljana, kif stipulat fl-Artikolu 87(3)(b). Il-miżura lanqas ma tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt l-Artikolu 87(3)(c), li jistipula li tingħata awtorizzazzjoni għal għajnuna sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti żoni ekonomiċi, fejn din l-għajnuna ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kontra l-interess komuni. Fl-aħħarnett, il-miżura m'għandhiex bħala l-għan tagħha l-promozzjoni tal-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt kif stipulat fl-Artikolu 87(3)(d).

(45) L-Artikolu 87(3)(a) jistipula l-awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' l-għajxien ikun baxx ħafna jew fejn ikun hemm qgħad serju. Sqallija hija reġjun eliġibbli għal dik l-eżenzjoni.

(46) Fid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet, imqassra fil-paragrafi 18 sa 31, għaliex hija kienet tiddubita li l-miżuri jistgħu jikkwalifikaw għall-eżenzjoni fl-Artikolu 87(3)(a). Fin-nuqqas ta' kummenti mill-Italja jew minn partijiet interessati, il-Kummissjoni tista' biss tinnota li dawn id-dubji huma kkonfermati.

VI. **KONKLUŻJONI**

(47) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura nnotifikata mill-Italja u deskritta fil-paragrafi 11 sa 17 mhix kompatibbli mas-suq komuni u mhix koperta mill-eżenzjonijiet stabbiliti fit-Trattat tal-KE. Il-miżura għandha għalhekk tiġi pprojbita. Skond l-awtoritajiet Taljani, l-għajnuna ma ngħatatx u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li din tingħabar lura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iskema ta' għajnuna, li l-Italja qed tippjana li timplimenta taħt l-Artikolu 60 tal-Liġi Reġjonali Nru 17/2004 tikkostitwixxi għajnuna mill-istat.

L-għajnuna msemmija fil-paragrafu preċedenti hija inkompatibbli mas-suq komuni u għalhekk ma tistax tiġi implimentata.

Artikolu 2

L-Italja għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-miżuri meħuda biex tikkonforma magħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Italja.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni